# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 311(B'urġenza)
## It-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2015

## AĠENDA

1. L-arranġament tat-traffiku fi Triq Lapsi u Triq l-Imqabba; u

2. Appell li ġie ippreżentat minn terzi mid-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar it-tneħħija ta' parti minn proprjetà fis-Siġġiewi mil-lista ta' skedar.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 L-arranġament tat-traffiku fi Triq Lapsi u Triq l-Imqabba

Is-Sindku spjega li l-arranġamenti ġodda tat-traffiku fi Triq Lapsi u Triq l-Imqabba kien daħlu fis-seħħ nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2015. Matul l-ewwel ġimgħa kien hemm il-preżenza tal-gwardjani lokali f'ħinijiet ta' filgħodu biex jedukaw lis-sewwieqa dwar il-bidla li kienet daħlet fis-seħħ. Is-Sindku spjega li hu kien infurmat li ma ngħataw l-ebda ċitazzjonijiet matul l-ewwel ġimgħa.

Huwa kompla jgħid li kienu twaħħlu erba' tabelli, tnejn fil-bidu ta' Triq Lapsi u tnejn oħra qabel wieħed idur lejn Triq l-Imqabba.

Kemm is-Sindku kif ukoll diversi kunsilliera qalu li rċevew numru ta' ilmenti. Kien hemm ukoll kummenti pożittivi minn residenti fi Triq l-Imqabba u Triq Lapsi. Madankollu jidher li s-sistema ma ħadmitx u għalhekk is-Siundku ippropona li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex Triq Lapsi ssir *one way* mill-bidu tagħha min-naħa ta' Triq Bur il-Kbir u Triq Ta' Kilpa, bl-eċċezzjoni:

i. tal-vetturi tar-residenti tas-Siġġiewi;
ii. tal-vetturi tat-Trasport Pubbliku;
iii. u għal dawk il-vetturi li jkunu se jagħtu servizz fis-Siġġiewi.

B'hekk dawk il-vetturi li jkunu ġejjin min-naħa ta' Bur il-Kbir u Għar Lapsi għad-direzzjoni ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi jkunu ristretti milli jgħaddu minn Triq Lapsi u Triq l-Imqabba u minflok iridu jgħaddu minn Triq ta' Kilpa.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 Is-sit magħruf bħala Ta' Dmejrek viċin iz-zona Ta' Żuta

Is-Sindku qal li wara li l-MEPA kienet iddeċidiet li tneħħi minn bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u żona ta' lqugħ (*Buffer zone*) ta' Livell 3 u Żona ta' Sbuħija Naturali, sit magħruf bħala Ta' Dmejrek viċin iz-zona magħrufa bħala Ta' Żuta u li jinsab fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi, is-sid tal-barriera kien ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni u qed jippretendi li l-parti li tneħħiet mill-iskedar tkun ferm ikbar.

Huwa għalhekk qal li jirriżulta wkoll fir-rigward tal-istess hemm pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal- Ambjent u l-Ippjanar appell ieħor apparti dak li diġà ppreżenta l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fil-ġimgħat li għaddew.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jintervjeni f'dan l-appell, u billi dan l-appell kien se jibda jinstema' l-ġimgħa d-dieħla, kien qed jitlob l-approvazzjoni urġenti tal-Kunsill biex dan ikun jista' jseħħ.

Il-Viċi-Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fid-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn 30 ta' Novembru, 2015**